MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 167/2007

**Talba Nru: 167/07 PBC**

**Public Broadcasting Services Limited – C 13140**

**-vs-**

**Phone Direct Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u erbghin Euro u sitta u sittin centezmu (€2,748.66) - (Lm1,180) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghas-servizzi rezi lilha. Ippremettiet illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont din baqghet inadempjenti u ghalhekk talbet ukoll illi s-socjeta' konvenuta tigi thallas l-ispejjez tal-kawza komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-23 ta'

Mejju, 2006 u bl-interessi skond il-ligi sad-data ta' pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut u ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Ramona Mamo Degiovanni, Mario Micallef u Raymond Galea.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Veronica Aquilina ghas-socjeta' attrici u Dr Stefano Filletti ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta minghajr dubju illi s-socjeta' konvenuta kienet ikkuntrattat mas-socjeta' attrici sabiex din tipprovdi s-servizz ta' reklamar fuq it-*television*. Jirrizulta wkoll ipprovat illi s-socjeta' konvenuta ghandha *magazine* li johrog kull xahar li huwa *magazine* tal-*advertising* li huwa interament kompost minn reklami ta' diversi klijenti. Is-socjeta' konvenuta harget bl-idea illi taghmel *discount card scheme* li fost affarijiet ohra kienet tinkorpora servizz moghti lill-klijenti tal-Phone Direct illi jekk iridu jirreklamaw fuq it-*television* tramite il-PBS, bl-uzu ta' dan id-*discount card scheme*, huma jinghataw skont.

Is-socjeta' konvenuta tkellmet ma' min hu koncernat mill-PBS u qaltilhom b'din l-iskema u intogghbot. B'hekk sar ftehim inizjali li kien ikopri l-perjodu minn Gunju sa Settembru, 2004 bl-intiza illi jekk din l-iskema tkun ta' success, din tigi *rolled over*, jigifieri tkompli ghat-tlett xhur ta' wara.

Sabiex is-socjeta' konvenuta ghamlet din l-iskema hija xehdet li nefqet ammonti sostanzjali ta' flus bhalma huma stampar ta' *envelopes*, *discount cards*, reklami fuq it-*television* u *radio* u fic-*cinema* u stampar tal-*magazines* u

tghid li nefqet ammont ekwivalenti ghal disa’ u ghoxrin elf u tnax-il mija Euro u hamsa u tletin centezmu (€29,012.35) - (Lm12,455) skond il-prospett Dok D ezebit. Gara illi dawk l-ewwel tlett xhur is-servizz beda juri evidenza ta’ success izda meta gie mbaghad biex is-servizz ikompli ghat-tlett xhur ta’ wara, irrizulta illi l-PBS naqset milli taghti l-*spots* mitluba mis-socjeta’ konvenuta ghall-skopijiet ta’ *teleshopping* u ghalhekk gara li, skond is-socjeta’ konvenuta, hija ma setghetx tkompli toffri l-istess servizz lill-klijenti taghha.

Il-kwistjoni ghalhekk f’din il-kawza hija illi s-socjeta’ konvenuta qieghda ssostni illi minhabba l-agir tas-socjeta’ attrici meta naqset milli tkompli tonora dak li s-socjeta’ konvenuta kienet ftehmet maghhom verbalment, hija nkorriet danni ekwivalenti kemm f’telf ta’ xoghol mill-klijenti taghha u kif ukoll minhabba l-fatt li hija kienet nefqet ammont sostanzjali ta’ flus fuq skema li ma setghetx tkompli toffri.

Da parti taghha s-socjeta’ attrici tghid illi hija kellha kull dritt illi ma tkompliex ghaddejja b’dan is-servizz u dan billi d-decizjoni dwar l-*airtime* jittiehed minn zmien ghal zmien u dak il-mument li gie deciz min ser ikollu l-*spots* fuq it-*teleshopping* ghall-perjodu in kwistjoni, d-dirigenti tal-PBS dehrilhom illi ma kellhomx jinkludu wkoll lis-socjeta’ konvenuta. Huma jsemghu illi wahda mir-ragunijiet kienet minhabba l-fatt li kien hemm kont *outstanding* mas-socjeta’ attrici li ma kienx imhallas u apparti dan, minhabba l-fatt illi ma kienx hemm kuntratt iffirmat ghal dak il-perjodu koncernat.

Da parti taghha s-socjeta’ konvenuta qed tirribatti illi fil-fatt li gara kien illi dak l-*airtime* li kien gie mwieghed lilha effettivament inghata lill-kompetitur taghha.

Illi d-difiza tas-socjeta’ konvenuta tinkwadra ruhha fid-difiza ta’ *inademplenti non est ademplentum*. F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Carmelo Cremona vs Victor Angilieri** – Qorti Civili Prim’ Awla – 11 ta’ Ottubru, 1966 per Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran fejn inghad illi:

“Ir-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma:
(1) l-inadempjenza tal-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali mill-ftehim;

(2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u
(3) irid ikun hemm proporzjonalita bejn l-inadempjenza tal-partijiet.”

li giet kwotata b’approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras fil-kawza **AX Construction Limited vs Tonio Mallia Bonello** tal-10 ta’ Ottubru, 2005.

Ghar-rigward tal-ewwel rekwizit jirrizulta illi meta sar il-ftehim dwar ir-reklamar ma kienx hemm dubju li s-socjeta’ konvenuta kienet ftehmet mas-socjeta’ attrici illi jaghmel ir-reklamar in kwistjoni ghall-perjodu inizjali ta’ tlett xhur bl-idea illi jekk din tirnexxi din tkompli ghat-tlett xhur ta’ wara. Ovvjament is-socjeta’ attrici kienet konxja dwar is-success o meno tal-ewwel parti tal-kuntratt fis-sens illi galadarba l-*spots* bdew jigu mimlija u hija kienet tigi mgharrfa bir-reklami tad-diversi klijenti tal-Phone Direct Limited, hija setghet tobsor certament illi s-socjeta’ konvenuta kienet ser tkompli bis-sistema ghat-tlett xhur ta’ wara. Galadarba kien hemm ftehim, minkejja li kien wiehed verbali, t-Tribunal huwa tal-fehma illi da parti tas-socjeta’ attrici kien hemm inadempjenza da parti tal-attur li laqtghet obbligu tieghu u li kien parti integrali mill-ftehim raggunt mall-konvenut meta beda s-servizz ta’ *discounting* fuq l-*advertising*.

Ghar-rigward tat-tieni rekwizit, ghalkemm teknikament din l-inadempjenza hija verament imputabbli lis-socjeta’ attrici, din tghid li kellha raguni taghmel hekk. S-socjeta’ attrici tghid illi wahda mir-ragunijiet ghaliex iddecidew dak li ddecidew kien minhabba l-fatt illi s-socjeta’ konvenuta kienet qieghda lura fil-pagamenti taghha u ghalhekk ippreferit lil xi hadd iehor li kien aktar puntwali. Certament, kieku din il-prova saret b’mod car u inekwivoku, kienet tkun difiza sufficjenti izda fil-kawza

odjerna, din il-prova ma tantx saret b'mod daqstant car u certament, anke kieku kien hemm din is-sitwazzjoni, t-Tribunal ghandu jifhem illi s-sens komun u prudenza kummercjali kienu jiddettaw illi s-socjeta' attrici almenu tinforma lis-socjeta' konvenuta illi jekk ma tigiex *up-to-date* fil-pagamenti kienet se tiehu l-pass li eventwalment hadet u mhux taqbad ghall-gharrieda u tipprezenta lis-socjeta' konvenuta b'*fait accompli.* Telefonata certament kienet tkun bizzejjed izda l-prova dwar dan ma saritx u ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma li anke t-tieni rekwizit huwa sodisfatt.

Ghar-rigward tat-tielet rekwizit, cioe` l-proporzjonalita, din ovvjament twassal lil dan it-Tribunal sabiex juza' d-diskrezzjoni tieghu *arbitrio et bono viri* biex jevalwa l-inadempjenza da parti tas-socjeta' attrici u d-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta mill-banda wahda u l-entita tal-kont *outstanding* mill-parti l-ohra. Bhala danni, t-Tribunal ghandu dubji serji kemm verament is-socjeta' konvenuta sofriet danni ekwivalenti ghal disa' u ghoxrin elf u tnax-il mija Euro u hamsa u tletin centezmu (€29,012.35) - (Lm12,455). Ghalkemm m'hemmx dubju illi sabiex jigu prodotti numru ta' *magazines* wiehed jinkorri certu spiza, certament dan l-ammont ma jirraprezentax l-ammont ta' danni sofferti mill-attur. Meta dan it-Tribunal ezamina l-*magazines* ezebiti, l-*adverts* dwar id-*discount card scheme* kien wiehed minn numru kbira ta' *adverts* fl-istess *magazine* u certament il-*magazine* ma kienx dipendenti ghas-success tieghu minn dan id-*discount card scheme*. Mill-banda wahda m'hemmx dubju li minhabba l-obbligu da parti tas-socjeta' attrici li toffri dan is-servizz, liema servizz ma setghax jitkompla, ipprezenta lis-socjeta' konvenuta b'certu diffikulta billi apparti li kellha tara x'taghmel biex taqdi lill-klijenti taghha li ppartecipaw fl-iskema, certament tilfet ftit mir-reputazzjoni li setghet kellha u dawn l-aspetti huma difficli biex jigu kwantifikati u forsi dan ghalhekk jispjega l-assenza totali ta' prova materjali tad-danni attwali li setghet sofriet is-socjeta' konvenuta. T-Tribunal huwa konvint illi certu ammont ta' hsara kienet giet sofferta da parti tas-socjeta' konvenuta izda certament dan ma kienx fil-grad jew entita kif qed jpingihom l-konvenut u, tenut kollox ma' kollox, it-Tribunal

jidhirlu illi *arbitrio et bono viri* ghandu jkun hemm riduzzjoni mill-ammont mitlub ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

Ghar-rigward tal-quantum mitlub, fl-avviz l-ammont mitlub huwa ta' elfejn, seba' mija u tmienja u erbghin Euro u sitta u sittin centezmu (€2,748.66) - (Lm1,180) izda fit-transaction history jidher li l-bilanc dovut huwa ta' tlett elf, disa' mija u hamsa u tmenin Euro u sitta u hamsin centezmi (€3,985.56) – (Lm1,711). Mix-xhieda tal-kawza pero` jidher car illi l-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda l-*advertising* li sar f'Lulju, Awissu u Settembru li skond id-dokumenti a fol 76 sa 80 tal-process jirrigwardaw perjodu mill-11 ta' Lulju, 2004 sat-23 ta' Settembru, 2004 komplessivament igibu bilanc ta' tlett elf, hames mija u disa' u ghoxrin Euro (€3,529.00) - (Lm1,515).

It-Tribunal ma jistghax jifhem ghaliex f'din il-kawza is-socjeta' attrici qieghda titlob is-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u erbghin Euro u sitta u sittin centezmu (€2,748.66) - (Lm1,180) izda jista' jkun il-kaz, ghalkemm dan m'huwiex spjegat, illi fid-dokument a fol 79 hemm xi adverts li gew kancellati u ghalhekk dan it-Tribunal ser jahdem fuq il-figura ndikata fl-avviz igifieri ta' elfejn, seba' mija u tmienja u erbghin Euro u sitta u sittin centezmu (€2,748.66) - (Lm1,180) u jikkonsidra li dan l-ammont bilancjali kien dovut izda stante li ghandu jkun hemm tnaqqis ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) kif fuq inghad, it-talba tas-socjeta' attrici ser tigi akkolta sal-ammont ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885) li hija ekwivalenti ghal elfejn u wiehed u sittin Euro u hamsin centezmu (€2,061.50).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, u wiehed u sittin Euro u hamsin centezmu (€2,061.50) – (Lm885) bl-interessi li jibdew jiddekorru mid-data tal-*invoice*, stante in-natura kummercjali tal-operat, u cioe` mill-1 ta' Ottubru, 2004 sad-data ta' pagament effettiv. L-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal tlett kwarti (¾) ghas-socjeta' konvenuta u kwart (¼) ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------